MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru 985/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**

**VS**

**DOMENIC ABLEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Domenic Abela, ta' 44 sena, bin Carmel u Mary nee' Micallef, imwieled il-Marsa, nhar l-1 ta' Marzu, 1961, residenti fil-fond numru 23, St Michael House, Triq l-Ghasafar, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 211 361 (M);

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tas-2.00pm, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' *mobile phone* u s-somma ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin) fi flus kontanti, liema valur huwa ta' aktar minn Lm100.00 (mitt lira

maltin), ghad-detriment ta' D Cassar, mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

U aktar talli huwa recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Silvio Meli, LL.D., datata 15 ta'Mejju, 2005.

Wara li rat l-Artikolu 261, 267, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Domenic Abela hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tordna li jitqieghed taht *probation* ghal zmien tlitt (3) snin mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------